

RMP aġġornat għandu jiġi ppreżentat:

- Meta l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini titlob din l-informazzjoni;
- Kull meta s-sistema tal-ġestjoni tar-riskju tiġi modifikata speċjalment minħabba li tasal informazzjoni ġdida li tista' twassal għal bidla sinifikanti fil-profil bejn il-benefiċċju u r-riskju jew minħabba li jintlaħaq għan importanti (farmakoviġilanza jew minimizzazzjoni tar-riskji).

Prodott medi inali li m'g adux awtorizzat

Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzat

ANNEX III

TIKKETTA U FULJETT TA' TAGĦRIF

Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzat

A. TIKKETA

TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA:

Pakkett ta' 1 jew 10 jew 20 siringa(i) mimlija għall-lest b'Sistema ta' Mikro-Injezzjoni

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI

IDflu 15 mikrogrammi/razza suspensjoni għall-injezzjoni
Vaċċin ta' kontra l-influwenza (*virion* maqsum, inattivat).
Razez 2016/2017

2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA(I) ATTIVA

Virus tal-influenza (inattivat, maqsum) tas-strains li hawn:

A/California/7/2009 (H1N1)pdm09 - bħal razza

A/Hong Kong/4801/2014 (H3N2) - bħal razza

B/Brisbane/60/2008 - bħal razza

15 µg emagglutinin kull strain kull doża ta' 0.1 ml

3. LISTA TA' SUSTANZI MHUX ATTIVI

Sodium chloride, potassium chloride, disodium phosphate dihydrate, potassium dihydrogen phosphate, ilma għal injezzjonijiet

4. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA U KONTENUT

Suspensjoni għall-injezzjoni

1 siringa mimlija għall-lest (0.1 ml) b'Sistema ta' Mikro-Injezzjoni

10 siringi mimlijin għall-lest (0.1 ml) b'Sistema ta' Mikro-Injezzjoni

20 siringa mimlija għall-lest (0.1 ml) b'Sistema ta' Mikro-Injezzjoni

5. MOD TA' KIF U MNEJN JINGĦATA

Użu minn ġol-ġilda.

Aqr l-istruzzjoni ta' tagħrif qabel l-użu.

6. TWISSIJA SPEĊJALI LI L-PRODOTT MEDIĊINALI GĦANDU JINŻAMM FEJN GĦANDU JINŻAMM FEJN MA JIDHIRX U MA JINTLAĦAQX MIT-TFAL

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlahqx mit-tfal.

7. TWISSIJA/IET SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠA

8. DATA TA' META JISKADI

JIS

9. KUNDIZZJONIJIET SPEĊJALI TA' KIF JINĦAŻEN

Aħżen fi friġġ. Tagħmlux fil-friża.

Żomm is-siringa fil-kartuna ta' barra sabiex tilqa' mid-dawl.

10. PREKAWZJONIJIET SPEĊJALI GĦAR-RIMI TA' PRODOTTI MEDIĊINALI MHUX UŻATI JEW SKART MINN DAWN IL-PRODOTTI MEDIĊINALI, JEKK HEMM BŻONN

11. ISEM U INDIRIZZ TAD-DETENTUR TA' L-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

Sanofi Pasteur SA,
2, avenue Pont Pasteur
F-69007 Lyon
Franza

12. NUMRU(D) TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

EU/1/08/507/004 - pakkett ta' siringa mimlija għall-lest b'Sistema ta' Mikro-Injezzjoni
EU/1/08/507/005 - pakkett ta' 10 siringa mimlija għall-lest b'Sistema ta' Mikro-Injezzjoni
EU/1/08/507/006 - pakkett ta' 20 siringa mimlija għall-lest b'Sistema ta' Mikro-Injezzjoni

13. NUMRU TAL-LOT

Lott

14. KLASSIFIKAZZJONI ĠENERALI TA' KIF JINGĦATA

15. STRUZZJONIJIET DWAR L-UŻU

16. INFORMAZZJONI BIL-BRAILLE

Il-ġustifikazzjoni biex ma' jkunx inkluż il-Braille hija aċċettata.

17. IDENTIFIKATUR UNIKU – BARCODE 2D

barcode 2D li jkollu l-identifikatur uniku inkluż.

18. IDENTIFIKATUR UNIKU - DEJTA LI TINQARA MILL-BNIEDEM

PC:

SN:

NN:

Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzati

TAGĦRIF MINIMU LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETTI Ż-ŻGĦAR EWLENIN

Kliem fuq it-tikketta tas-siringa mimlija għall-lest

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI U MNEJN GĦANDU JINGĦATA

IDflu 15 µg/razza 2016/2017
Vaċċin ta' kontra l-influenza
Użu minn ġol-ġilda

2. METODU TA' KIF GĦANDU JINGĦATA

3. DATA TA' META JISKADI

EXP

4. NUMRU TAL-LOTT

Lot

5. IL-KONTENUT SKOND IL-PIŻ, VOLUM, JEW PARTI INDIVIDWALI

0.1 ml

6. OĦRAJN

Sanofi Pasteur SA

B. FULJETT TA' TAGĦRIF

Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzat

Fuljett ta' tagħrif: Informazzjoni għall utent

IDflu 15 mikrogrammi/razza suspensjoni għall-injezzjoni Vaċċin ta' kontra l-influenza (*virion* maqsum, inattivat)

Aqra sew dan il-fuljett kollu qabel ma tirċievi dan il-vaċċin peress li fih informazzjoni importanti għalik.

- Żomm dan il-fuljett. Jista' jkollok bżonn terġa' taqrah.
- Jekk ikollok aktar mistoqsijiet, staqsi lit-tabib , lill-ispiżjar jew l-infermier tiegħek.
- Dan il-vaċċin ġie mogħti lilek. M'għandekx tgħaddih lil persuni oħra. Tista' tagħmlilhom iġ-ħsara, anki jekk ikollhom l-istess sinjali ta' mard bħal tiegħek.
- Jekk ikollok xi effett sekondarju kellem lit-tabib, lill-ispiżjar jew l-infermier tiegħek. Dan jinkludi xi effett sekondarju possibbli li m'huwiex elenkat f'dan il-fuljett. Ara sezzjoni 4.

X'fih dan il-fuljett:

1. X'inhum IDflu u għaliex jintuża
2. X'għandek tkun taf qabel ma tuża IDflu
3. Kif tuża IDflu
4. Effetti sekondarji li jista' jkollu
5. Kif taħżen IDflu
6. Kontenut tal-pakkett u informazzjoni oħra

1. X'inhum IDflu u għaliex jintuża

IDflu hu vaċċin. Dan il-vaċċin hu rakkomandat biex jgħinek tipproteġi ruħek kontra l-influenza. Il-vaċċin jista' jingħata lil adulti l-fuq minn 60 sena speċjalment dawk li jkollhom żieda fir-riskju ta' komplikazzjonijiet assoċjati.

Meta tingħata injezzjoni ta' IDflu, is-sistema immuni (id-difiża naturali tal-ġisem) ser tiżviluppa protezzjoni kontra l-infezzjoni mill-influenza.

Din hi r-raġuni għaliex għandek bżonn tiegħu l-vaċċin kull sena.

IDflu ser jgħin biex jipproteġi kontra t-tliet razez ta' virus li hemm fil-vaċċin, jew razez oħrajn li huma assoċjati mill-qrib magħhom. L-effett sħiħ tat-vaċċin ġeneralment jinkiseb minn ħmistax sa tliet ġimgħat wara l-injezzjoni.

2. X'għandek tkun taf qabel ma tuża IDflu

Tuża x IDflu

- Jekk inti allerġiku/a () għas:-
 - Sustanzi attivi,
 - Kwalunkwe mill-ingredjenti ta' dan il-vaċċin (elenkati f'sezzjoni 6) ,
 - Kwalunkwe komponent li jista' jkun preżenti f'ammonti żgħir bħal tal-bajd (ovalalbumina, proteini tat-tiġieġ) neomycin, formaldehide u octoxinol 9.
- Jekk ikollok xi marda bid-deni jew infezzjoni akuta, it-tilquim ser jiġi pospost sakemm tkun fiqt.

Twissijiet u prekawzjonijiet

Kellem lit-tabib jew l-ispiżjar jew l-infermier tiegħek qabel tuża IDflu

- Għandek tgħid lit-tabib tiegħek qabel ma tieħu l-vaċċin jekk għandek rispons immuni batut (immunosuppressjoni) minħabba mard jew mediċini, għax il-vaċċin jista' ma tantx jaħdem tajjeb f' dan il-każ.
- Dan il-vaċċin m'għandu taħt l-ebda ċirkustanza jingħata ġol-vini (arterji).
- Jekk, għal kwalunkwe raġuni, ikollok test tad-demm ftit jiem wara l-vaċċin kontra influwenza, jekk jogħġbok għid lit-tabib tiegħek. Testijiet għall-HIV-1, il-virus ta' l-epatite C u HTLV-1 jistgħu jkunu affettwati.

Tfal u adolexxenti

IDflu mhuwiex irrakomandat għal-użu fit-tfal u adolexxenti taħt 18-il sena.

Vaċċini jew mediċini oħra u IDflu

Għid lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek jekk qiegħed tuża, użajt dan l-aħħar jew tista' tuża xi mediċina oħra.

- Vaċċini oħrajn: IDflu jista' jingħata fl-istess ħin ma' vaċċini oħrajn billi tagħtih f' dirġajn/triglejn differenti. Wieħed għandu jinnota li l-effetti sekondarji jistgħu jiħraxu.
- Għid lit-tabib tiegħek jekk kont ikkurat b' mediċini li jistgħu jnaqqsu r-rispons immuni tiegħek bħal kortikosteroidi (per eżempju cortisone), mediċini kontra l-kanċer (kimoterapija), radjuterapija jew mediċini oħrajn li jaffettwaw is-sistema immuni. F' dan il-każ, il-vaċċin jista' ma tantx jaħdem tajjeb.

Tqala , treddiġh u fertilità

Dan il-vaċċin huwa indikat għal adulti l-fuq minn 60 sena. Għalhekk, din l-infomormazzjoni ma taplikax.

Sewqan u l-użu tal-magni

Dan il-vaċċin għandu xejn għal ftit efftt fuq il-magni biex issuq jew tħaddem magni

3. Kif għandek tuża IDflu

Dejjem għandek tuża din il-mediċina skont il-parir eżatt tat-tabib jew l-ispiżjar tiegħek. Dejjem għandek taċċerta ruħek mit-tabib jew mal-ispiżjar tiegħek jekk ikollok xi dubju.

Id-doża rakkomandata hija 0.1ml f' adulti l-fuq minn 60 sena.

IDflu jingħatalel mit-tabib jew mill-infermier tiegħek.

IDflu jingħata oħala njezzjoni fis-saff ta' fuq tal-ġilda (preferibbilment ġol-muskolu tal-parti ta' fuq tad-drieżh).

Jekk għandek aktar mistoqsijiet dwar l-użu ta' dan il-vaċċin, staqsi lit-tabib , lill-ispiżjar jew infermier tiegħek.

4. Effetti sekondarji possibbli

Bħal kull mediċina oħra, dan il vaċċin jista' jkollu effetti sekondarji, għalkemm ma jidhrux fuq kulħadd.

Għandek tara lit-tabib tiegħek immedjatament jekk ikollok sintomi ta' anġjoedema bħal:

- Wiċċ, xufftejn jew farinġi minfuħin
- Diffikultà biex tibra'
- Urtikarja u diffikultajiet biex tieħu n-nifs.

Matul il-provi kliniċi, u wara li l-vaċċin kien fuq is-suq, l-effetti sekondarji li ġejjin kienu rrapportati bl-użu ta' IDflu.

Reazzjonijiet komuni ħafna (lijistgħu jaffettwaw iktar minn persuna1 minn kull 10)

- Fis-sit tal-injezzjoni: ħmura, ebusija, nefħa, ħakk u wġiħ.
- Uġiħ ta' ras u uġiħ muskolari.

Reazzjonijiet komuni (jistgħu jaffettwaw sa persuna waħda minn kull 10)

- Tbenġil fis-sit tal-injezzjoni
- Sensazzjoni ġenerali li ma tħossokx tajjeb (temperatura ta' 38.0°C jew oġhla) u roġda

Reazzjonijiet mhux komuni (jistgħu jaffettwaw sa persuna waħda minn kull 100)

- Għeja, uġiħ fil-ġogi, żieda fl-ġharaq.

Reazzjonijiet rari (jistgħu jaffettwaw sa persuna waħda minn kull 1000)

- Tnemnim jew tmewwit infjammazzjoni tan-nervaturi, ħakk u raxx.

Reazzjonijiet mhux magħrufa (ma tistax tittieħed stima tal-frekwenza mid-data disponibbli)

- Reazzjonijiet allerġiċi inkluż reazzjonijiet tal-ġilda li jistgħu jinfirxu mal-ġisem kollu bħal urtikarja, reazzjonijiet allerġiċi severi (reazzjonijiet anafilattiċi), nefħa fil-wiċċ, ilsien jew farinġi, diffikultà biex tibra', urtikarja u diffikultajiet biex tieħu n-nifs (anġjoedema), kollass tas-sistema ċirkulatorja (xokk) li jwassal għal emerġenza medika

L-akbar parti ta dawn l-effetti sekondarji jispjari minn trattament fi 1 sa 3 ijiem wara. Fi ftit każi, ħmura fis-sit ta' l-injezzjoni dam sa 7 ijiem.

L-effetti sekondarji li ġejjin kienu rrapportati b'vaċċini oħra li jingħatu għal kontra l-influenza Dawn l-effetti sekondarji jistgħu jidher b' IDflu

- Tnaqqis temporanju fin-numru ta' partikuli tad-demem li jissejħu plejtlits li jista' jirriżulta fi tbenġil jew fsada, nefħa temporanja tal-glandoli tal-ġhonq, taħt id-dirġhajj jew l-irqiq ta' bejn il-koxxa u ż-żaqq
- Uġiħ lokalizzat fil-rota tan-nervaturi, konvulżjonijiet assoċjati ma' deni, disturbi tas-sistema nervuża li jinkludu infjammazzjoni tal-moħħ jew tas-sinla,, jew is-sindrome ta' Guillain-Barré li jikkawża -għajrija u paralisi estremi
- Infjammazzjoni tal-vini/arterji li tista' tirriżulta f'każijiet rari ħafna ta' problemi temporanji tal-kliwi.

Rappurtar tal-effetti sekondarji

Jekk ikollok xi effett sekondarju, kellem lit-tabib, lill-ispiżjar jew l-infermier tiegħek. Dan jinkludi xi effetti sekondarji li mhux elenkat f'dan il-fuljett. Tista' wkoll tirrapporta effetti sekondarji direttament permezz tas-sistema ta' rappurtar nazzjonali imniżżla f' [Appendiċi V](#). Billi tirrapporta l-effetti sekondarji tista' tgħin biex tiġi pprovduta aktar informazzjoni dwar is-sigurtà ta' din il-mediċina.

5. Kif taħżen IDflu

Żomm dan il-vaċċin fejn ma jidherx u ma jintlaħaqx mit-tfal.

Tużax dan il-vaċċin wara d-data ta' skadenza li tidher fuq il-kaxxa tal-kartun wara JIS. Id-data ta' skadenza tirreferi għall-aħħar ġurnata ta' dak ix-xahar.

Aħżen fi friġġ (2°C - 8°C). Tagħmlux fil-friża. Żomm is-siringa fil-kartuna ta' barra sabiex tilqa' mid-dawl.

Tarmix mediċini mal-ilma tad-dranaġġ jew mal-iskart domestiku. Staqsi lill-ispiżjar tiegħek dwar kif għandek tarmi mediċini li m'għadekx tuża. Dawn il-miżuri jgħinu għall-protezzjoni tal-ambjent.

6. Kontenut tal-pakkett u informazzjoni oħra

X'fih IDflu

Is-sustanzi attivi huma influenza virus (inattivat, maqsum) tas-strains li hawn*:

A/California/7/2009 (H1N1)pdm09 - bħal razza (A/California/7/2009, NYMC X-179A)
..... 15 mikrogrammi HA**

A/Hong Kong/4801/2014 (H3N2) - bħal razza (A/Hong Kong/4801/2014, NYMC X-263B)
..... 15 mikrogrammi HA**

B/Brisbane/60/2008 - bħal razza (B/Brisbane/60/2008, tat-tip selya) 15 mikrogrammi HA**

Kull doża ta' 0.1

* ippropogat fil-bajd fertilizzat tat-tiġieġ minn grupp ta' tiġieġ f'saħħithom

** emagglutinin

Dan il-vaċċin hu konformi mar-rakkomandazzjonijiet tal-WHO (Emisferu tat-Tramuntana) u d-deċizzjoni tal-UE għall-istaġun 2016/2017.

Is-sustanzi l-oħra huma: sodium chloride, potassium chloride, disodium phosphate dihydrate, potassium dihydrogen phosphate u ilma għal injezzjonijiet.

Id-dehra ta' IDflu u l-kontenut tal-pakkett

Il-vaċċin hu suspensjoni bla kulur u opalexxenti.

IDflu hu suspensjoni għall-injezzjoni f'siringa mimlija għall-lest ta' 0.1 ml b'Sistema ta' Mikro-Injezzjoni f'pakketti ta' 1, 10 jew 20.

Jista' jkun li mhux il-pakketti tad-daqsijiet kollha jkunu għall-skop kummerċjali.

Id-Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq u l-Manifattur

Id-Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq: Sanofi Pasteur SA, 2, avenue Pont Pasteur, F-69007 Lyon, Franza.

Manifattur:

Sanofi Pasteur - Parc Industriel d'Incarville - 27100 Val-de-Reuil - Franza

Sanofi Pasteur, Campus Mérieux – 1541, avenue Marcel Mérieux – 69280 Marcy l'Etoile - Franza

Għal kull tagħrif dwar dan il-prodott mediċinali, jekk jogħġbok ikkuntattja lir-rappreżentant lokali tad-detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq:

België/Belgique/Belgien Sanofi Belgium tel.: +32 2 710.54.00	Lietuva Sanofi – Aventis Lietuva, UAB Tel.: +370 5 2730967
България Sanofi Bulgaria EOOD Тел.: +359 2 970 53 00	Luxembourg/Luxemburg Sanofi Belgium tel.: +32 2 710.54.00
Česká republika Sanofi Pasteur divize vakcín sanofi-aventis, s.r.o. Tel: +420 233 086 111	Magyarország sanofi-aventis zrt Tel.: +36 1 505 0055
Danmark sanofi-aventis Denmark A/S Tel: +45 4516 7000	Malta Cherubino Ltd Tel.: +356 21 343270
Deutschland Sanofi-Aventis Deutschland GmbH Tel.: 0800 54 54 010 Tel. aus dem Ausland: +49 69 305 21 130	Nederland sanofi-aventis Netherlands B.V. Tel: +31 182 557 755
Eesti Sanofi-Aventis Estonia OÜ Tel.: +372 627 3488	Norge Sanofi-aventis Norge AS Tel: +47 67 10 71 00
Ελλάδα BIANEE A.E. Τηλ: +30.210.8009111	Österreich Sanofi-Aventis GmbH Tel: +43 (1) 80185-0.
España sanofi-aventis, S.A. Tel: +34 93 485 94 00	Polska Sanofi Pasteur Sp. z o.o. Tel.: +48 22 280 05 00
France Sanofi Pasteur Europe Tél: 0800 42 43 46 Appel depuis l'étranger +33 1 57 63 23 23	Portugal Sanofi – Produtos Farmacêuticos, Lda. Tel: + 351 21 35 89 400
Hrvatska sanofi-aventis Croatia d.o.o Tel: + 385 1 5003 400	România sanofi - aventis Romania SRL Tel.: +40(21) 317 31 36
Ireland sanofi-aventis Ireland T/A SANOFI Tel: + 353 (0) 1 4035 600	Slovenija ALPE s.p. Tel.: +386 (0)1 432 62 38
Ísland Vistor Tel : +354 535 7000	Slovenská republika sanofi-aventis Pharma Slovakia s.r.o. divízia vakcín Sanofi Pasteur Tel.: +421 2 33 100 100

Italia Sanofi S.p.A. Tel: 800536389 Tel dall'estero: +39 02 39394983	Suomi/Finland Sanofi Oy Tel: +358 (0) 201 200 300
Κύπρος Γ. Α. Σταμάτης & Σια Λτδ. Τηλ.: +357 - 22 76 62 76	Sverige Sanofi AB Tel: +46 8-634 50 00
Latvija Sanofi Aventis Latvia SIA Vakcīnu nodaļa Tel.: +371 67114978	United Kingdom Sanofi Tel: +44 845 372 7101

Dan il-fuljett kien rivedut l-aħħar fi {XX/SSSS}.


Sorsi oħra ta' informazzjoni

Informazzjoni dettaljata dwar din il-vaċċin tinsab fuq il-*website* tal-Aġenzija Ewropea dwar il-Mediċini : <http://www.ema.europa.eu>

It-tagħrif li jmiss qed jingħata biss għall-professjonisti fil-qasam mediku:

- Bħal vaċċini kollha li jistgħu jiġu injettati, il-kura u s-superfizzjoni medika adattata għandhom dejjem ikunu disponibbli fil-pront f'każ ta' avvenimenti anafilattiku wara l-ġhoti tal-vaċċin.
- Il-vaċċin għandu jitħalla jilħaq it-temperatura tal-kamra qabel l-użu.
- Il-vaċċin m'għandux jintuża jekk ikun hemm il-trakk fis-suspensjoni.
- M'hemmx b'zonn iċċaqlaq il-vaċċin qabel l-użu.
- Is-Sistema ta' Mikro-Injezzjoni għal injezzjoni minn ġol-ġilda tikkonsisti f'siringa mimlija għall-lest b'labra mikro (1.5 mm) u sistema tal-protezzjoni tal-labra. Is-sistema tal-protezzjoni tal-labra hi maħsuba biex tgħatti l-labra mikro wara l-użu.

Sistema ta' Mikro-Injezzjoni




Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzat

STRUZZJONIJIET GĦALL-UŻU


Jekk jogħġbok aqra l-istruzzjonijiet

1/ NEĦĦI L-GĦATU TAL-LABRA



Neħħi l-għatu tal-labra mis-Sistema ta' Mikro-Injezzjoni.
Tneħħix l-arja minn ġol-labra.


2/ ŻOMM IS-SISTEMA TA' MIKRO-INJEZZJONI BEJN IS-SABA' L-KBIR U DAK TAN-NOFS



Żomm is-sistema billi tpoġġi s-saba' l-kbir u s-saba' tan-nofs biss fuq il-pads tas-subgħajn, is-saba' l-werrej jib' ta' ħieles.


Tpoġġix subgħajk fuq it-twieqi.

3/ DAĦĦAL IL-LABRA MALAJR B'MOD PERPENDIKULARI MAL-ĠILDA



Daħħal il-labra b'mod perpendikulari mal-ġilda, fiż-żona tad-deltoid, b'moviment qasir u mgħaġġel.

4/ INJETTA BILLI TUŻA S-SABA' L-WERREJ



Ġaladarba l-labra mikro tkun iddaħħlet, applika pressjoni ħafifa fuq wiċċ il-ġilda u injetta billi tuża s-saba' l-werrej biex tagħfas fuq il-planġer.

It-test tal-vina mhuwiex meħtieġ

5/ ATTIVA L-PROTEZZJONI TAL-LABRA BILLI TAGĦFAS BIS-SAĦĦA FUQ IL-PLANĠER



Neħħi l-labra minn ġol-ġilda.

Dawwar l-labra lilhemm minnek u minn persuni oħrajn.

El-i-tess id, agħfas bis-saħħa ħafna bis-saba' l-kbir fuq il-planġer biex tattiva l-protezzjoni tal-labra.

Set tisma' klikk u l-protezzjoni toħroġ biex tiks l-labra.

Armi immedjament is-sistema fl-eqreb kontenitur għal oġġetti bil-ponta.

L-injezzjoni tkun ikkunsidrata li rnexxiet kemm jekk il-preżenza ta' ħakk sever tkun osservata jew le.

F'każ tal-preżenza ta' likwidu fil-post fejn tingħata l-injezzjoni wara l-ġhoti tal-vaċċin, il-vaċċin mhuwiex meħtieġ mill-ġdid.

Arja wkoll sezzjoni 3. KIF GĦANDEK TUŻA IDflu.